IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 6.1.2017
COM(2016) 832 final

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL U LILL-PARLAMENT EWROPEW

dwar l-użu li sar mill-istituzzjonijiet fl-2014 tar-Regolamenti tal-Kunsill Nru 495/77, kif l-aħħar emendat bir-Regolament Nru 1945/2006 (dwar ix-xogħol standby), Nru 858/2004 (dwar il-kundizzjonijiet tax-xogħol partikolarment diffiċli), u Nru 300/76, kif l-aħħar emendat bir-Regolament Nru 1873/2006 (dwar is-servizz kontinwu jew bix-xift)

RAPPORT MILL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL U LILL-PARLAMENT EWROPEW

dwar l-użu li sar mill-istituzzjonijiet fl-2014 tar-Regolamenti tal-Kunsill Nru 495/77, kif l-aħħar emendat bir-Regolament Nru 1945/2006 (dwar ix-xogħol standby), Nru 858/2004 (dwar il-kundizzjonijiet tax-xogħol partikolarment diffiċli), u Nru 300/76, kif l-aħħar emendat bir-Regolament Nru 1873/2006 (dwar is-servizz kontinwu jew bix-xift)

1. INTRODUZZJONI

Ir-Regolamenti tal-Kunsill dwar ix-xogħol standby (Nru 495/77) u dwar il-kundizzjonijiet tax-xogħol partikolarment diffiċli (Nru 858/2004) jobbligaw lill-Kummissjoni tippreżenta, kull sena, rapport lill-Kunsill dwar l-għadd ta' uffiċjali u aġenti oħrajn f'kull kategorija li jirċievu l-benefiċċji msemmija fir-regolamenti kkonċernati kif ukoll dwar in-nefqa totali relatata magħhom.

Dan ir-rapport huwa bbażat fuq l-aħħar ċifri annwali kompluti li kienu disponibbli fi żmien it-tħejjija tiegħu u għalhekk jirreferi għas-sena 2014. Huwa jkopri l-istituzzjonijiet kollha u jinkludi wkoll, għall-finijiet ta' kompletezza, informazzjoni simili dwar l-użu tas-servizz kontinwu jew bix-xift (ir-Regolament tal-Kunsill Nru 300/76).

2. BENEFIĊĊJU GĦAX-XOGĦOL STANDBY

Il-bażijiet legali għal dan il-benefiċċju huma l-Artikoli 55 u 56b tar-Regolamenti tal-Persunal kif ukoll ir-Regolament tal-Kunsill Nru 495/77 tat-8 ta' Marzu 1977, kif l-aħħar emendat bir-Regolament tal-Kunsill Nru 1945/2006 tal-11 ta' Diċembru 2006.

Il-ħlas tal-benefiċċju huwa limitat għal uffiċjali u għal aġenti oħra mħallsa mill-*approprjazzjonijiet għar-riċerka* u impjegati:

- fi stabbiliment taċ-Ċentru Konġunt għar-Riċerka (JRC - Joint Research Centre), jew
- f'azzjonijiet indiretti, jew

imħallsa mill-*approprjazzjonijiet amministrattivi* u impjegati:

- fit-tmexxija jew fis-superviżjoni ta' installazzjonijiet tekniċi,
- f'dipartiment tas-sigurtà,
- f'dipartiment tat-Teknoloġija tal-Informazzjoni u tal-Komunikazzjoni (ICT - information and communication technologies),
- f'dipartiment li jipprovdi sostenn għall-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni (PESK) / Politika Ewropea ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni (PSDK) jew għall-arranġamenti ta' koordinazzjoni f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza jew fi kriżijiet, jew
- fil-qafas ta' arranġament maħluq biex jipprovdi l-għajnuna lill-Istati Membri 24 siegħa kuljum u sebat ijiem fil-ġimgħa ("SM 24/7") fil-kuntest tal-koordinazzjoni f'każ urġenti jew ta' kriżi jew servizzi li fihom teżisti n-

neċċessità magħrufa li twettaq il-kompiti li jiġi żgurat mekkaniżmu li jipprovdi assistenza lill-Istati Membri.

Il-benefiċċju għax-xogħol standby huwa espress permezz ta' punti. L-għadd ta' punti mogħtija għal kull siegħa ta' xogħol standby effettivament maħduma huwa stabbilit kif ġej:

- xogħol standby mid-dar, f'jum tax-xogħol: 2,15 punti;
- xogħol standby fi tmiem il-ġimgħa u l-jiem ta' btala: 4,3 punti;
- xogħol standby fuq il-post tax-xogħol, f'jum tax-xogħol: 11-il punt;
- xogħol standby fuq il-post tax-xogħol, fi tmiem il-ġimgħa u l-jiem ta' btala: 22 punt.

Kull punt jiswa daqs 0,032 % tal-paga bażika ta' uffiċjal fil-grad 1, fl-ewwel skala (jiġifieri EUR 0,86 fl-2014).

2.1. L-għadd ta' benefiċjarji (uffiċjali / aġenti temporanji u aġenti kuntrattwali)[1]:

Istituzzjoni	AD	SC - AST	AC				Total
			FG I	FG II	FG III	FG IV	
Il-Kummissjoni	122	246,5	36,5	4	8	2	**419**
- li minnhom tal-JRC:	*76*	*127*	*14*	*0*	*1*	*0*	***218***
Il-Kunsill	3	45	2	0	0	0	**50**
Il-Parlament	0	0	0	0	0	0	0
Il-Qorti tal-Ġustizzja	6	9	1	0	0	0	16
Il-Qorti tal-Awdituri	0	0	9	0	0	0	**9**
KESE	0	0	0	0	0	0	0
KtR	0	0	0	0	0	0	0
KEPD	0	0	0	0	0	0	0
L-Ombudsman	0	0	0	0	0	0	0
SEAE	7	10	0	0	0	0	**17**
Total	**138**	**310,5**	**48,5**	**4**	**8**	**2**	**511**

2.2. Għadd ta' benefiċjarji għal kull tip ta' xogħol standby:

Istituzzjoni	Xogħol mid-dar	Xogħol mid-dar u fuq il-post tax-xogħol	Fuq il-post tax-xogħol	Total
Il-Kummissjoni	376	6	37	**419**
- li minnhom tal-JRC:	*176*	*6*	*36*	***218***
Il-Kunsill	50	0	0	**50**
Il-Parlament	0	0	0	0
Il-Qorti tal-Ġustizzja	0	16	0	16
Il-Qorti tal-Awdituri	9	0	0	**9**
KESE	0	0	0	0

[1] Żewġ persuni jaqsmu s-servizz ta' standby tal-OLAF sabiex jiżguraw servizz ta' sigurtà 24 siegħa kuljum u sebat ijiem fil-ġimgħa bħala membru tal-ekwipaġġ ta' permanenza (= 0,5 SC-AST + 0,5 FGI).

KtR	0	0	0	0
KEPD	0	0	0	0
L-Ombudsman	0	0	0	0
SEAE	17	0	0	**17**
Total	**452**	**22**	**37**	**511**

2.3. L-għadd ta' benefiċjarji skont l-impjieg

Istituzzjoni	JRC	Azzjonijiet indiretti	Installazzjoni jiet tekniċi	Sigurtà	ICT	PESK / PSDK	EM 24/7	Total
Il-Kummissjoni	218	0	55	36	74	0	36	**419**
- li minnhom tal-JRC:	*218*	*0*	*0*	*0*	*0*	*0*	*0*	***218***
Il-Kunsill	0	0	0	15	25	10	0	**50**
Il-Parlament	0	0	0	0	0	0	0	**0**
Il-Qorti tal-Ġustizzja	0	0	12	4	0	0	0	**16**
Il-Qorti tal-Awdituri	0	0	0	9	0	0	0	**9**
KESE	0	0	0	0	0	0	0	**0**
KtR	0	0	0	0	0	0	0	**0**
KEPD	0	0	0	0	0	0	0	**0**
L-Ombudsman	0	0	0	0	0	0	0	**0**
SEAE	0	0	0	3	10	4	0	**17**
Total	**218**	**0**	**67**	**67**	**109**	**14**	**36**	**511**

3. BENEFIĊĊJU LI JINGĦATA MINĦABBA KUNDIZZJONIJIET TAX-XOGĦOL PARTIKOLARMENT DIFFIĊLI

Il-bażijiet legali għal dan il-benefiċċju huma l-Artikolu 56c tar-Regolamenti tal-Persunal kif ukoll ir-Regolament tal-Kunsill Nru 858/2004 tad-29 ta' April 2004, li ħa post ir-Regolament tal-Kunsill Nru 1799/72.

Il-benefiċċju li jingħata minħabba kundizzjonijiet tax-xogħol partikolarment diffiċli hu espress permezz ta' punti mogħtija għal kull siegħa ta' xogħol effettivament maħduma u jiddependi minn diversi kundizzjonijiet partikolari tax-xogħol li għandhom x'jaqsmu mal-"protezzjoni tal-individwu", il-"post tax-xogħol" u n-"natura tax-xogħol". L-għadd ta' punti jvarja bejn żewġ (2) punti, pereżempju għal-livell medju ta' ħoss li jeċċedi l-85 deċibali, u l-limitu massimu ta' 50 punt fil-każ ta' uffiċjal li jrid jilbes ilbies protettiv għal kontra n-nar b'apparat awtorespiratorju. Kull punt jiswa daqs 0,032 % tal-paga bażika ta' uffiċjal fil-grad 1, fl-ewwel skala (jiġifieri EUR 0,86 fl-2014).

3.1. L-għadd ta' benefiċjarji (uffiċjali / aġenti temporanji u aġenti kuntrattwali):

Istituzzjoni	AD	SC - AST	Aġenti Kuntrattwali				Total
			FG I	FG II	FG III	FG IV	
Il-Kummissjoni	36	172	31	0	0	4	**243**
- li minnhom tal-JRC:	*36*	*167*	*21*	*0*	*0*	*4*	***228***
Il-Kunsill	0	0	0	0	0	0	0

Il-Parlament	0	0	0	0	0	0	0
Il-Qorti tal-Ġustizzja	0	0	0	0	0	0	0
Il-Qorti tal-Awdituri	0	0	0	0	0	0	0
KESE	0	0	0	0	0	0	0
KtR	0	0	0	0	0	0	0
KEPD	0	0	0	0	0	0	0
L-Ombudsman	0	0	0	0	0	0	0
SEAE	0	0	0	0	0	0	0
Total	**36**	**172**	**31**	**0**	**0**	**4**	**243**

4. BENEFIĊĊJU GĦAS-SERVIZZ KONTINWU JEW BIX-XIFT

Il-bażijiet legali għal dan il-benefiċċju huma l-Artikolu 56a tar-Regolamenti tal-Persunal kif ukoll ir-Regolament tal-Kunsill Nru 300/76 tad-9 ta' Frar 1976, kif l-aħħar emendat bir-Regolament tal-Kunsill Nru 1873/2006 tal-11 ta' Diċembru 2006.

Il-ħlas tal-benefiċċju huwa limitat għal uffiċjali u għal aġenti oħra mħallsa mill-*approprjazzjonijiet għar-riċerka* u impjegati:

- fi stabbiliment taċ-Ċentru Konġunt għar-Riċerka (JRC), jew
- f'azzjonijiet indiretti, jew

imħallsa mill-*approprjazzjonijiet amministrattivi* u impjegati:

- f'dipartiment tat-Teknoloġija tal-Informazzjoni u tal-Komunikazzjoni (ICT),
- f'dipartiment tas-sigurtà,
- f'servizz ta' swiċċbord tat-telefon / ta' informazzjoni jew f'akkojenza,
- f'dipartiment li jipprovdi sostenn għall-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni (PESK) / Politika Ewropea ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni (PSDK) jew għall-arranġamenti ta' koordinazzjoni f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza jew fi kriżijiet,
- servizz li jipprovdi appoġġ fil-kuntest ta' koordinazzjoni f'każ ta' emerġenza jew kriżi jew
- fit-tmexxija jew fis-superviżjoni tal-installazzjonijiet tekniċi.

Iċ-ċifri li ġejjin jindikaw l-għadd ta' benefiċċji mogħtija minn kull istituzzjoni għas-sena 2014.

4.1. L-għadd ta' benefiċjarji (uffiċjali / aġenti temporanji u aġenti kuntrattwali)[2]:

Istituzzjoni	AD	SC - AST	AC				Total
			FG I	FG II	FG III	FG IV	
Il-Kummissjoni	9	67,5	17	5	2	0	**100,5**
- li minnhom tal-JRC:	*9*	*34*	*6*	*0*	*0*	*0*	***49***
Il-Kunsill	0	62	0	0	0	0	**62**
Il-Parlament	0	30	283	16	14	1	**344**
Il-Qorti tal-Ġustizzja	0	0	0	0	0	0	**0**
Il-Qorti tal-Awdituri	0	0	11	0	0	0	**11**
KESE	0	0	0	0	0	0	**0**
KtR	0	0	0	0	0	0	**0**

[2] Id-DĠ BUDG indika li s-servizz kontinwu huwa żgurat minn żewġ (2) aġenti statutorji sal-1/7/2014 u wieħed mill-1/7/2014 (= 1,5 SC-AST għas-sena kollha 2014).

KEPD	0	0	0	0	0	0	**0**
L-Ombudsman	0	0	0	0	0	0	**0**
SEAE	0	35	0	1	0	0	**36**
Total	**9**	**194,5**	**311**	**22**	**16**	**1**	**553,5**

Hemm erba' rati differenti previsti għall-benefiċċju ta' kull xahar (ċifri abbażi tas-sena 2014):

- l-ewwel rata: servizz b'żewġ xiftijiet, minbarra fi tmiem il-ġimgħa u l-jiem ta' btala: EUR 385,23;
- it-tieni rata: servizz b'żewġ xiftijiet, inkluż matul il-lejl u l-jiem ta' btala: EUR 581,45;
- it-tielet rata: 24 siegħa kuljum, minbarra fi tmiem il-ġimgħa u l-jiem ta' btala: EUR 635,74;
- ir-raba' rata: 24 siegħa kuljum, sebat (7) ijiem fil-ġimgħa: EUR 866,72.

4.2. L-għadd ta' benefiċjarji għal kull rata:

Istituzzjoni	**L-ewwel rata**	**It-tieni rata**	**It-tielet rata**	**Ir-raba' rata**	**Total**
	EUR 385,23	EUR 581,45	EUR 635,74	EUR 866,72	
Il-Kummissjoni	11,5	21	8	60	**100,5**
- li minnhom tal-JRC:	*0*	*21*	*8*	*20*	*49*
Il-Kunsill	37	0	0	25	**62**
Il-Parlament	123	119	58	44	**344**
Il-Qorti tal-Ġustizzja	0	0	0	0	**0**
Il-Qorti tal-Awdituri	2	0	0	9	**11**
KESE	0	0	0	0	**0**
KtR	0	0	0	0	**0**
KEPD	0	0	0	0	**0**
L-Ombudsman	0	0	0	0	**0**
SEAE	26	0	0	10	**36**
Total	**199,5**	**140**	**66**	**148**	**553,5**

4.3. L-għadd ta' benefiċjarji skont it-tip ta' impjieg:

Istituzzjoni	**JRC**	**Koord. Kriżi / emerġenza**	**ICT**	**Sigurtà**	**Swiċċbord/ akkoljenza**	**PESK/ PSDK**	**Istitut tekniku**	**Azzjonijiet Ind.**	**Total**
Il-Kummissjoni	49	0	1,5	47	0	0	3	**0**	**100,5**
- li minnhom tal-JRC.	*49*	*0*	*0*	*0*	*0*	*0*	*0*	***0***	***49***
Il-Kunsill	0	0	0	59	0	3	0	**0**	**62**
Il-Parlament	0	0	0	320	24	0	0	**0**	**344**
Il-Qorti tal-Ġustizzja	0	0	0	0	0	0	0	**0**	**0**
Il-Qorti tal-Awdituri	0	0	0	9	2	0	0	**0**	**11**
KESE	0	0	0	0	0	0	0	**0**	**0**
KtR	0	0	0	0	0	0	0	**0**	**0**

KEPD	0	0	0	0	0	0	0	**0**	**0**
L-Ombudsman	0	0	0	0	0	0	0	**0**	**0**
SEAE	0	0	13	13	0	10	0	**0**	**36**
Total	**49**	**0**	**14,5**	**448**	**26**	**13**	**3**	**0**	**553,5**

5. IS-SERVIZZI KKONĊERNATI U R-RAĠUNIJIET

Il-Kunsill, il-Kummissjoni, is-SEAE (dan tal-aħħar ħa parti kbira minn dak li qabel kien id-DĠ RELEX tal-Kummissjoni) u l-Qorti tal-Awdituri jirrikorru għall-użu tax-xogħol standby u għas-servizz kontinwu jew għax-xift u jipproċedu għall-ħlas ta' benefiċċji previsti mil-liġi.

F'Novembru 2014, il-Qorti tal-Ġustizzja introduċiet skema ġdida standby fid-Direttorat Ġenerali għall-Infrastruttura biex tkopri s-superviżjoni tal-installazzjonijiet tekniċi u l-eżekuzzjoni ta' kompiti relatati mas-sigurtà.

Il-Kummissjoni tibqa' l-unika istituzzjoni li tħallas l-benefiċċji minħabba kundizzjonijiet tax-xogħol partikolarment diffiċili, fil-JRC u fl-Uffiċċju għall-infrastruttura u l-loġistika fi Brussell (OIB - Office for Infrastructure and Logistics in Brussels).

5.1. Ir-raġunijiet għall-użu tax-xogħol standby

Il-Kummissjoni:

Ċentru Konġunt tar-riċerka (JRC)

Fl-2014, il-Kummissjoni ħallset il-benefiċċji għax-xogħol standby lil 419 membru tal-persunal tagħha, li madwar 52% (218) minnhom huma impjegati f'wieħed miċ-ċentri għar-riċerka. Ir-raġunijiet għax-xogħol standby jibqgħu - bħal fis-snin preċedenti – ġeneralment relatati mas-sigurtà u l-protezzjoni (servizz tat-tifi tan-nar, superviżjoni tar-radjazzjoni, protezzjoni mir-radjazzjoni, eċċ.). Fil-biċċa l-kbira tal-każijiet fil-JRC ix-xogħol standby isir mid-dar, bl-eċċezzjoni ta' Ispra u ta' Karlsruhe fejn is-servizzi jistgħu jitwettqu jew minn fuq il-post tax-xogħol, jew mid-dar u kif ukoll minn fuq il-post tax-xogħol minħabba l-ispeċifiċità tal-kompiti.

Oħrajn

Fid-Direttorati Ġenerali tal-Kummissjoni l-oħrajn, ix-xogħol standby huwa b'mod partikolari relatat mas-sigurtà, mal-installazzjonijiet tekniċi u mas-servizzi tal-informatika kif ukoll mal-għajnuna lill-Istati Membri.

Fl-2014, aħna kellna żieda konsiderevoli fin-numru ta' benefiċjarji fi ħdan l-OIB (minn 17 sa 39). Dan huwa minħabba l-introduzzjoni ta' erba' servizzi ġodda standby mid-dar (minbarra tas-servizz diġà eżistenti) sabiex ikopru l-erba' żoni ġeografiċi li jiġbru flimkien id-diversi binjiet fi Brussell sabiex kontinwament ikun hemm reazzjoni malajr f'każ ta' inċident f'installazzjonijiet tekniċi tal-istokk tal-bini.

Il-Kunsill: Il-Kunsill ħallas benefiċċji għas-servizzi standby lil 50 membru tal-persunal tiegħu fl-2014. L-oqsma kkonċernati huma s-servizzi ta' teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni (ICT), kif ukoll is-servizzi tas-sigurtà u l-appoġġ għall-PESK / PESD. Dan ix-xogħol ta' standby kien jitwettaq biss mid-dar.

Il-Qorti tal-Awdituri: Fl-2014, il-Qorti tal-Awdituri ħallset benefiċċji għas-servizzi standby lil disa' (9) membri tal-persunal tagħha.

SEAE: Fl-2014, is-SEAE ħallas benefiċċji għas-servizzi standby lil 17-il membru tal-persunal tiegħu għal tliet oqsma ta' xogħol: is-servizzi ta' sigurtà, is-sostenn għall-PESK / PSDK u kif ukoll is-servizz tat-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni (ICT).

Il-Qorti tal-Ġustizzja: F'Novembru 2014, servizz ġdid standby ġie stabbilit għal żewġ (2) oqsma ta' ħidma: l-installazzjonijiet tekniċi u s-servizzi tas-sigurtà. Dan huwa xogħol standby mid-dar u fuq il-post tax-xogħol. Il-Qorti tal-Awdituri ħallset il-benefiċċji għax-xogħol standby lil 16-il membru tal-persunal tagħha.

5.2. Ir-raġunijiet għall-użu tal-benefiċċju li jingħata minħabba kundizzjonijiet tax-xogħol partikolarment diffiċli

Il-Kummissjoni*:* Il-Kummissjoni hija l-unika istituzzjoni li għamlet użu minn din il-possibbiltà fl-2014. Fl-2008, l-Uffiċċju għall-Infrastruttura u l-Loġistika fi Brussell (OIB) kien introduċa din il-possibbiltà f'wieħed mis-servizzi tiegħu (is-servizz tar-riproduzzjoni), minbarra ċ-Ċentru Komuni għar-Riċerka li kien qed jużah diġà (għal raġunijiet ta' ordni relatati mal-kompiti).

Fl-2014, l-għadd totali ta' sigħat li nħadmu f'dawn il-kundizzjonijiet diffiċli tqassmu kif ġej:

- 76 996,59 sigħat f'relazzjoni mal-protezzjoni tal-individwu (pereżempju, l-użu ta' ħwejjeġ speċjali u skomdi meħtieġa għall-protezzjoni ta' dak li jkun),
- 129 751,25 sigħat f'relazzjoni mal-post tax-xogħol (pereżempju, il-ħsejjes ta' livelli għolja, il-postijiet perikoluż), u
- 16 561,14 sigħat f'relazzjoni man-natura tax-xogħol (pereżempju, il-ġarr ta' sustanzi korrużivi).

5.3. Raġunijiet għal servizz kontinwu jew bix-xift

Il-Kummissjoni: Fi ħdan il-Kummissjoni, (għal raġunijiet li għandhom x'jaqsmu man-natura tal-kompiti li jridu jitwettqu), il-JRC u DĠ HR (Dipartiment għas-sigurtà u l-prevenzjoni) huma dawk li l-aktar jeħtieġu dan it-tip ta' organizzazzjoni tax-xogħol (49 u 32 persuna rispettivament elenkati fl-2014).

Fid-DĠ l-oħrajn (baġit operattiv), kien hemm 19,5 persuna li kienu jaħdmu bix-xift, fit-tipi ta' servizzi li ġejjin fl-2014:

- Sigurtà u prevenzjoni: 15
- Installazzjonijiet tekniċi: 3
- Teknoloġija tal-Informazzjoni u tal-Komunikazzjoni (ICT): 1,5

L-erba' rati (tipi ta' benefiċċji) huma applikati mill-Kummissjoni, ir-raba' rata (ix-xogħol kontinwu) jintuża prinċipalment fis-servizzi ta' sigurtà.

Il-Kunsill: Għas-sena 2014, l-għadd ta' benefiċjarji għal servizz kontinwu jew bix-xift fil-Kunsill huwa ta' 62. Dan il-benefiċċju jintuża primarjament fl-oqsma tas-sigurtà u l-prevenzjoni (59 membru tal-persunal) u l-PESK / PSDK (tliet membri tal-persunal). It-tipi ta' xogħol kontinwu jew xogħol bix-xift jikkonsisti jew f'arranġament ta' żewġ xiftijiet (l-ewwel rata) jew servizz kontinwu ta' 24 siegħa (ir-raba' rata).

Il-Parlament Ewropew: Sabiex jitħarsu u jiġu protetti l-persuni, l-infrastrutturi, l-informazzjoni u l-avvenimenti li jitwettqu matul il-btajjel, it-tmiem tal-ġimgħa, filgħaxijiet u sabiex tiġi garantita l-preżenza kontinwa ta' aġenti ta' sigurtà fil-bini filwaqt li jiġi evitat l-użu ta' sahra, li jkollu bħala effett iż-żieda fil-baġit tal-Parlament Ewropew, ġie deċiż li jsir użu mill-applikazzjoni tar-Regolament 300/76 tal-Kunsill tad-9 ta' Frar 1976, emendat l-aħħar mir-Regolament 1873/2006 tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2006 u li jiġu sostitwiti s-siegħat ta' sahra permezz ta' ħinijiet speċifiċi. Għalhekk, l-aġenti ta' sigurtà u ta' prevenzjoni rreklutati għandhom jirċievu l-benefiċċju tal-allowance għal servizz kontinwu jew bix-xift.

Għas-sena tal-2014, l-għadd ta' benefiċċji għas-servizz kontinwu jew bix-xift fil-Parlament Ewropew irdoppja u iktar meta mqabbel mal-2013, u jammonta għal 344. Dan il-benefiċċju huwa attwalment użat biss fl-oqsma tas-sigurtà u tas-servizzi telefoniċi / reception. Din iż-żieda qawwija tinsab fil-livell tas-servizzi tas-sigurtà.

It-tip ta' servizz kontinwu jew bix-xift huwa sistema ta' żewġ xiftijiet (l-ewwel rata), servizz b'żewġ xiftijiet, inkluż il-lejl, tmiem il-ġimgħa u l-btajjel pubbliċi (it-tieni rata), servizz ta' 24 siegħa, ħlief tmiem-il-ġimgħa u jiem ta' btala (it-tielet rata), jew inkella servizz bla interruzzjoni ta' 24 siegħa kuljum (ir-raba' rata).

Il-Qorti tal-Awdituri: Il-Qorti tal-Awdituri għandha servizz kontinwu tax-xogħol bix-xift mill-2011 fl-oqsma tas-sigurtà u s-servizzi tat-telefown / akkoljenza. It-tipi ta' xogħol kontinwu jew xogħol bix-xift jikkonsisti jew f'arranġament ta' żewġ xiftijiet (l-ewwel rata) jew servizz kontinwu ta' 24 siegħa (ir-raba' rata). In-numru ta' benefiċċji mħallsin fl-2014 ammonta għal 11.

SEAE: Fl-2014, is-SEAE ħallas 36 benefiċċji wżati fil-qasam tat-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni (ICT), tas-sigurtà u tal-PESK / PSDK.

6. IN-NEFQA BAĠITARJA, GĦAL KULL ISTITUZZJONI U GĦAL KULL BENEFIĊĊJU (F'EUR)

Istituzzjoni	Servizz kontinwu jew bix-xift	Xogħol standby	Kundizzjonijiet tax-xogħol partikolarment diffiċli	Total
Il-Kummissjoni	813 756,85	1 399 835,26	588 256,91	**2 801 849,02**
- li minnhom tal-JRC:	*258 328,90*	*644 199,79*	*563 607,34*	***1 466 136,03***
Il-Kunsill	413 194,56	187 498,74	0	**600 693,30**
Il-Parlament	1 795 946,01	0	0	**1 795 946,01**

Il-Qorti tal-Ġustizzja	0	0[3]	0	**0**
Il-Qorti tal-Awdituri	103 964,78	15 354,90	0	**119 319,68**
KESE	0	0	0	**0**
KtR	0	0	0	**0**
KEPD	0	0	0	**0**
L-Ombudsman	0	0	0	**0**
SEAE	215 023,23	62 138,41	0	**277 161,64**
Total	**3 341 885,43**	**1 664 827,31**	**588 256,91**	**5 594 969,65**

L-ammont imħallas għat-tliet benefiċċji mill-istituzzjonijiet Ewropej kollha f'daqqa ammonta għal EUR 5 594 969,65 għas-sena 2014.

[3] Il-ħin stand-by ġie stabbilit fil-Qorti tal-Ġustizzja f'Novembru 2014, l-ebda nefqa baġitarja ma hija rreġistrata fl-2014.